A.L. 391 tal-2011

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2011 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 biex jemendawl-Ordinamentital-2010skontir-RegolamentiĠeneraligħar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 186 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikollhom ir-rekwiżiti speċjali għall-kors skont il-qasam ta' studju magħżul kif imniżżla hawn taħt:

(a) **Applied Biomedical Science:** għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad Ċ jew aħjar fil-Bijoloġija u fil-Kimika; u għaddew fil-Livell Intermedju fil-Fiżika;

(b) **Applied Food and Nutritional Sciences:** għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad Ċ jew aħjar fil-Bijoloġija u fil-Kimika; u għaddew fil-Livell Intermedju fil-Fiżika;

(ċ) **Communication Therapy:** għaddew f'żewġ suġġetti bi Grad Ċ jew aħjar, għall-anqas wieħed minnhom għandu jkun fil-Livell Avvanzat u l-ieħor fil-Livell Intermedju, fil-Bijoloġija u jew fl-Ingliż jew fil-Malti;

(d) **Environmental Health:** għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad Ċ jew aħjar fil-Bijoloġija u fil-Kimika; u għaddew fil-Livell Intermedju fil-Fiżika;

(e) **Midwifery**: għaddew fil-Livell Avvanzat fil-Bijoloġija;

(f) **Nursing**: għaddew fil-Livell Avvanzat fil-Bijoloġija;

(g) **Occupational Therapy:** għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad Ċ jew aħjar fil-Bijoloġija;

(h) **Physiotherapy:** għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad Ċ jew aħjar fil-Bijoloġija; u għaddew fil-Livell Intermedju fil-Fiżika;

(i) **Podiatry:** għaddew fil-Livell Avvanzat fil-Bijoloġija bi Grad Ċ jew aħjar; u għaddew fil-Livell Intermedju fil-Kimika jew fil-Fiżika; u

(j) **Radiography**: għaddew fil-Livell Avvanzat fil-Bijoloġija. L-applikanti għandhom ikollhom mhux anqas minn 18-il sena sa tlett xhur mid-data meta jibda l-Kors.

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Kors għall-oqsma tal-Applied Food and Nutritional Sciences u tan-Nursing għandu jinfirex fuq medda ta' tliet snin ta' studju fuq bażi *full-time*."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. (1) Il-Grad jista' jingħata skont il-provvedimenti ta' dawn l-ordinamenti f'wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju:

Applied Biomedical Science, Applied Food and Nutritional Sciences, Communication Therapy, Environmental Health, Midwifery, Nursing, Occupational Therapy, Physiotherapy, Podiatry, u Radiography jew f'xi qasam ieħor relatat max-Xjenzi tas-Saħħa, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

(2) L-istudenti li jtemmu b'suċċess il-Kors fil-Medical Laboratory Science li beda f'Ottubru 2008 għandhom jiġu mogħtija l-Grad fl-Applied Biomedical Science."